**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Pierre Micallef Grimaud**
**V**

**ANTHONY GRECH**
**CHARLES GRECH**

**Illum, 26 ta' Lulju, 2001.**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **ANTHONY GRECH** ta' sitta w ghoxrin sena bin Paul u Carmena nee Camilleri, imwieled l-Ingilterra fl-erbgha ta' Frar, 1973 u joqghod Block W, Flat 1, Triq il-Jum, Marsa, detentur tal-karta tal-identita numru 82291M u **CHARLES GRECH** ta' wiehed u tletin sena bin Paul u Carmena nee Camilleri imwieled l-Ingilterra fit-tnejn u ghoxrin ta' Mejju, 1968 u joqghod 2, Triq il-Kungress Marjan, Marsa, detentur tal-karta tal-identita numru 110386M gew mressqa quddiemha akkuzati talli nhar s-sittax ta' Ottubru, 1999 ghall-habta tat-tlieta neqsin kwart ta' filghodu fil-Bamboo Bar li jinsab fi Triq d-Dragunara, Paceville, minghajr l-hsieb

li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta' haddiehor f'perikolu car, kkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha u cioe offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Catherina Agatha Winklear, skond ma ccertifika Doctor Stephen Muscat MD fl-isptar San Luqa.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali datati erbgha ta' Settembru, 2000 esibiti a fol 89 tal-atti processwali.

Semghet lil imputati jiddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja kif jirrizulta mill-verbal tal-Qorti tal-wiehed u tletin ta' Ottubru, 2000.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni kif ukoll dawk prodotti mid-Difiza.

Semghet lil partijiet jittrattaw l-kawza fis-seduta tal-erbatax ta' Gunju, 2001.

Ikkunsidrat:

Il-Prosekuzzjoni qed tallega li nhar s-sittax ta' Ottubru, 1999 ghall-habta tat-tlieta neqsin kwart ta' filghodu l-imputati kkagunaw ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Catherina Agatha Winklear waqt li hija kienet qeghda fid-diskoteka Bamboo Bar f'Paceville.

In sostenn tat-tezi taghha hija ressqet lil allegata vittma tixhed nhar t-tmintax ta' Ottubru, 1999. Hija spjegat minn fuq il-pedana tax-xhieda li kienet fil-kumpanija ta' erbat ihbieb taghha femminili mill-Olanda, l-gharus taghha, u tfajjel iehor ukoll ta' nazzjonalita Olandiza.

F'hin minnhom l-erba tfajliet Olandizi kienu qed jizfnu fuq id-*dance floor* u kellhom bzonn jmorru fil-kamra tat-*toilet*. Huma ghalhekk telqu minn fuq id-*dance floor*, nizlu xi tarag u marru hdejn t-*toilet* u qaghdu jistennew lil xulxin.

Fid-daqqa w l-hin waqt li kienu ghadhom hdejn il-kamra tat-*toilet*, kien kemm ragel li qabad il-warrani ta' Catherina Agatha Winklear w immedjatament wara hargu hamest irgiel u bdew jsawwtuha. Hija gharfet iz-zewg akkuzati bhala tnejn minn nies li allegatament aggredewha.

Dwar l-imputat Anthony Grech hija ndikatu bhala l-akkuzat b'xaghru iswed. Hija stqarret li gibidha minn xaghra u b'irkopptejh kisrilha imnehirha. Dwar l-imputat l-iehor Charles Grech hija stqarret li kien ma gembu u laqatha diversi drabi b'saqajh. Hija spiccat mitlufa minn sensiha u spiccat l-isptar. Hija tat deskrizzjoni ta' dak li kienu lebsin l-imputati dakinhar tal-incident. Anthony Grech kien liebes T Shirt abjad b'ghonq u komma qasira, jeans blu u zarbun iswed bil-lazz. Hija certa minn dan peress li kienet qed thares lejn saqajh meta kien allegatament qed jaghtiha bis-sieq, filwaqt dwar Charles Grech qalet li kellu xaghru b'toppu u kien liebes qmis kahlanija fl' iskur jew iswed u qalziet iswed.

**Mariah Houtkamp xehdet** nhar t-tmintax ta' Ottubru, 1999 fejn stqarret wkoll li meta harget mit-*toilet* u kienet qed titla t-tarag ma shabha f'xi hin hasset lil xi hadd jaqbad il-warrani taghha. Hija gharfet lil imputat Anthony Grech bhala l-persuna li ta daqqa lil habiba taghha Anika. Hija gharfet wkoll liz-zewg imputati bhala l-persuni li gibdu l- Catherina Agatha Winlkear 'l isfel mal-art. Iddeskriviet ir-ragel li ndikat bhala l-imputat Anthony Grech li qalet li qabad lil Catherina Agatha Winlkear minn xagharha u bl-irkoppa tieghu laqatha fuq imnehirha. Huwa beda jaghtiha bis-sieq. Fl-ebda hin ma ntlaqtet waqt dan l-incident u qalet li hija certa li kien l-

imputat Anthony Grech li laqat lil Catherina Agatha Winlkear u kisrilha imnehirha. Hija kkonfermat li la hi u lanqas Catherina Agatha Winlkear ma kienu xorbu wisq u zgur li ma kienux xurbana jew imlahalha. Mariah Houtkamp ddeskriviet il-hwejjeg libsin mill-imputati dakinhar bl-istess mod li ddeskrivithom Catherina Agatha Winlkear.

**Michele Porthausen kkonferma** li la Mariah Houtkamp u lanqas Catherina Agatha Winlkear ma kienu xorbu wisq dakinhar. Hu jikkonferma li Charles Grech u Anthony Grech kienu fil-vicinanzi waqt li Andre Neissi kkonferma li Charles Grech kien fil-vicinanzi liebes qmis u jeans iswed u kien aggressiv hafna.

Il-Qorti b'digriet tat-tmintax ta' Ottubru, 1999 nnominat lil Doctor Francis Darmanin sabiex jezamina lil Catherina Agatha Winlkear u jispjiega x'tip ta' feriti ssubiet f'dan l-incident. Fil-wiehed u ghoxrin ta' Ottubru, 1999 **Doctor Francis Darmanin** li hu *Plastic Surgeon* fid-Dipartiment tal-Isptar San Luqa, **xehed** f'dawn il-proceduri u spjiega li Catherina Agatha Winlkear kellha frattura fl-ghadma ta' hugbejha li ddum bejn erbgha u sitt gimghat biex tfieq u frattura f'imnehirha u ghalhekk iddeskriva l-feriti bhala ta' natura gravi.

Id-Difiza qed ssostni li l-imputati m'ghandhomx jinstabu hatja ta' din l-akkuza ghaliex ma kienux huma li taw daqqa ta' sieq u kisru mnieher Catherina Agatha Winlkear. Huma ressqu xhieda li qalu li kienu il-Bamboo Bar bhala grupp ma diversi nies ohra wara li kienu marru ghal ikla f'restaurant maghruf bl-isem *Il-Kampanjol* f'Birzebbuga biex jiccelebraw l-*istag night* tal-imputat Anthony Grech, pero fil-mument tal-incident Anthony Grech kien barra l-klabb.

Id-difiza ressqet bhala xhieda li **George Grech** li jigi hu l-imputati li **spjiega** kif wara l-ikla li kellhom f'Birzebbuga, il-hmistax il-ragel li kienu hemm ilkoll marru fl-istabiliment Bamboo, pero huwa, l-imputat Anthony Grech u l-kunjatu tieghu u xi hbieb ohra qadu barra waqt li parti iehor mill-grupp dahlu fl-istabiliment fosthom Charles Grech. Wara li kienu ilhom hemm xi ghoxrin minuta huwa sema storbju kbir u dahal jara x'kien qed jigri. Gewwa kien hemm rassa kbira u ra xi hmistax il-ruh jaqbzu fuq xulxin pero ma kienx f'posizzjoni li jaghraf li hadd. Huwa ra numru ta' nies jferrqu u ohrajn jiggieldu. Huwa imbaghad hareg barra u kompla jitkellem ma Anthony Grech u hatnu. Il-Pulizija gew u gabru lil Anthony Grech minn barra.

**Frans Azzopardi** haten l-imputat Anthony Grech **kkonferma** dak li qal George Grech fis-sens li huwa qaghad barra mal-imputat Anthony Grech filwaqt li Charles Grech u ohrajn mill-grupp dahlu gewwa. Ikkonferma li huwa ma dahalx gewwa fl-ebda hin u xi ghoxrin minuta wara li waslu l-Bamboo Bar sema li kien hemm xi *trouble*. Huwa kkonferma li Anthony Grech fl-ebda hin ma dahal gewwa u l-Pulizija arrestawh waqt li kien barra l-Bar.

**Roderick Zammit qal** li ma jigix mill-imputati pero dakinhar kien maghhom l-ewwel il-*bachelors party* u wara il-Bamboo Bar. Huwa ra lil Anthony Grech flimkien ma missieru u l-kunjatu tieghu barra il-bar u huwa dahal gewwa biex jara x'kien qed jigri mill-indana tat-tarag ra konfuzzjoni kbira, nies jiggieldu pero ma gharaf lil hadd. Huwa kkonferma li meta dahal gewwa l-imputati ma kienux hemm ghaliex kienu barra. Huwa cert li Anthony Grech ma kienx gewwa ghalkemm mhux daqstant cert dwar Charles Grech.

Id-difiza esibit *video casette* tal-*bachelors party* li sehh ftit qabel l-incident u minn dan il-*video* jirrizulta s-segwenti fatti:

1. illi n-nies li xehdu l-Qorti bhala xhieda tad-Difiza kienu presenti mal-imputati fil- *bachelors party* li sehh qabel ma l-imputati marru l-Bamboo Bar;
2. illi l-imputat Anthony Grech kien liebes flokk abjad izda minghajr ghonq u par *running shoes* bojod waqt li Charles Grech kellu xaghru f'toppu u kien liebes qmis u qalziet iswed.

Ta min jfakkar lil Prosekuzzjoni f'dan l-istadju li fil-kamp penali huwa l-oneru taghha li tipprova li l-imputati mhux innocenti u dan trid taghmlu billi bil-prova taghha twassal lil min irid jiddecidi sa dak il-grad ta' konvinciment morali bla dubbju dettat mir-raguni, filwaqt li d-Difiza m'ghandha tipprova xejn peress li l-imputati huma prezunti nnocenti pero jekk thoss li ghandha tipprova xi haga, dan tista tghamlu anke jekk tasal sal-grad ta' probabbilta.

Id-Difiza pprezentat il-*video casette* bl-approvazzjoni tal-Prosekuzzjoni sabiex tipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti, dak li kienu lebsin l-imputati dak il-lejl tal-incident.

Fil-*video* li gie muri fl-awla nhar s-sebgha ta' Mejju, 2001, jidher li l-imputat Anthony Grech kien liebes qalziet jeans u flokk abjad <u>minghajr</u> ghonq u par *running shoes* bojod .

Issa meta l-allegata vittma Catherina Agatha Winklear ddeskriviet lil aggressur taghha l-allegat imputat Anthony Grech, hija qalet testwalment is-segwenti b'mod aggressiv u fil-fehma taghha b'certezza;

"*Regards to the other accused Anthony Grech he was wearing a white T Shirt and <u>yes</u> when I say T Shirt I mean polo shirt, in other words, wearing a collar, short sleeve and blue jeans and he was wearing the same shoes he is wearing now, black shoes which the Court is indicating has laces. In this case I can confirm that when he hit me with his legs I was looking at his feet.*"

Rigward l-ko-akkuzat Charles Grech, l-allegata vittma Catherina Agatha Winlkear tiddeskrivi l-ilbies tieghu bhala li kien liebes flokk u qalziet iswed u kellu xaghru mizmum f'*pony tail*.

Illi ghalhekk jirrizulta li fid-deskrizzjoni li tat tal-imputat Anthony Grech hemm divergenza. Dan qed jinghad mhux biss ghal fatt li kien liebes flokk minghajr ghonq, izda minhabba li z-zarbun li

suppost li kien liebes, kien totalment differenti. Id-deskrizzjoni li tat lill-Qorti dwar iz-zarbun tieghu u cioe li suppost kien iswed bil-lazz, ma jaqbel xejn ma *running shoes* bojod. Il-Qorti dan qed tghidu mhux ghas-semplici raguni ta' deskrizzjoni per se, izda minhabba l-fatt li l-allegata vittma Catherina Agatha Winlkear qalet li meta qalghet d-daqqa ta' sieq f'wiccha kienet qed thares lejn saqajn l-aggressur taghha. Ghalhekk il-Qorti thoss li f'dak il-hin hija giet milquta minn persuna ohra li kienet liebsa zarbun iswed u li kellha flokk abjad b'ghonq. Illi dak li qalet d-Difiza dwar l-ilbies ta' Anthony Grech mhux *hear say* izda fatt dokumentat u muri bi precizjoni fil-*video casette*.

Illi Mariah Houtkamp wkoll tghid li l-aggressur li kiser l-imnieher tal-habiba taghha kien liebes *dark blue shoes*.

Illi d-Difiza ssostni li l-allegata vittma kienet xurbana. Bir-rispett kollu l-Qorti ma taqbilx ma din s-sottmissjoni ghaliex dan ma jirrizultax ppruvat lanqas remotament mill-atti.

Illi l-Qorti ghalhekk thoss li fid-dawl tas-suespost u cioe li d-deskrizzjoni moghtija dwar l-abbiljament tal-imputat Anthony Grech kien differenti u l-fatt li x-xhieda tad-Difiza ilkoll jghidu li waqt l-

incident huwa kien qieghed barra, l-Qorti ma thosshix moralment konvinta li kien l-imputat Anthony Grech li kisrilha mnehirha jew li aggredixxa lil Catherina Agatha Winlkear.

Dwar l-ko-akkuzat Charles Grech jirrizulta mill-provi bla dubbju ta' xejn li waqt l-incident huwa kien gewwa l-Bamboo Bar. Dan jirrizulta mix-xhieda tad-Difiza kif wkoll minn dawk tal-Prosekuzzjoni li ddeskrivew l-abbiljament tieghu u l-manjiera ta' kif rabat xaghru.  Illi pero mix-xhieda ta' Doctor Stephen Muscat u Doctor Francis Darmanin jirrizulta li Catherina Agatha Winlkear sofriet griehi f'wiccha.  Issa skond ix-xhieda ta' Catherina Agatha Winlkear a fol 8 tal-atti odjerni, Charles Grech ta bis-sieq fuq gisimha u fuq saqajha.   Mariah Houtkamp fix-xhieda taghha tghid li hi rat lil imputat Charles Grech jaghti bis-sieq lil Catherina Agatha Winlkear. Hija pero ma tghidx li kien l-imputat Charles Grech li kiser imnieher Catherina Agatha Winlkear.

Illi peress li mill-provi ma jirrizultax li Catherina Agatha Winlkear kellha xi griehi ohra salv dawk f'wiccha, il-Qorti ma tistax ssibu hati talli kkagunalha feriti ta' natura gravi u lanqas ta' natura hafifa peress li dawn l-allegati griehi ma jirrizultawx ppruvati.

Pero l-Qorti tista ssib lil imputat Charles Grech hati tal-kontravenzjoni komtemplata fl-artikolu 339(1)(d) u cioe talli hebb kontra persuna sabiex jdejjaq, jingurja jew jaghmel hsara lil persuna.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha ta' Mejju, 1997*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Pace** fejn gie deciz li

> "*Din il-kontravenzjoni kontra persuna ohra sabiex tingurja, ddejjaq jew taghmel hsara lil dik il-persuna l-ohra jew lil haddiehor, biex il-persuna thebb, ma hemmx ghalfejn li effettivament ikun hemm kuntatt fiziku; bizzejjed li jkun hemm il-potenzjalita ta' tali kuntatt permezz ta' manifestazzjoni ta' forza fizika ndirizzata lejn dik il-persuna.*"

Forsi t-test Ingliz ta' din il-kontravenzjoni jiddeskrivi ahjar il-kuncett ta' hebb u cioe

> "*Attempts to use force against any person with intent to insult, annoy or hurt such other person or persons.*"

Fic-cirkostanzi il-Qorti hija propensa temmen il-versjoni tal-fatti kif moghtija mill-allegat vittma Catherina Agatha Winklear u

Mariah Houtkamp li l-imputat Charles Grech hebb ghal Catherina Agatha Winklear ghalkemm ma giex ppruvat li ghamel feriti.

Fic-cirkostanzi il-Qorti thoss li ghandha tapplika piena karcerarja peress li tali incident sar b'mod kapriccus.

**Il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 214, 216(1)(a)(i)(ii)(iii)(iv)(b)(c)(d) 2 u 339(1)(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddikjara li ma ssibx lil imputat ANTHONY GRECH hati tal-akkuzi kif addebitati lilu u ghalhekk tilliberah minnhom filwaqt li ghar-rigward l-imputat CHARLES GRECH tiddikjraa li ma ssibhux hati tal-akkuzi kif addebitati lilu mill-Prosekuzzjoni izda tiddikjara li ssibu hati tal-kontravenzjoni kontemplata fl-artikolu 339(1)(d) u tikkundannah piena karcerarja ta' xahar.**

**Il-Qorti tordna li z-zmien li l-imputat CHARLES GRECH ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dan il-kaz jigi mnaqqas mill-piena inflitta fuqu llum.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**